MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1111/2005

**John Saliba (ID numru 396235M), u b`digriet tal-15 ta` Settembru 2011 l-atti gew trasfuzi f`isem Margaret Saliba, stante l-mewt ta` John Saliba (ID numru 570641M)**

***kontra***

**Giuseppa mart Richard Ellul, Annie mart John Micallef (ID 247238M), Emanuel Saliba u Miriam mart Philip Cilia (ID 213853M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-21 ta` Novembru 2005 li taqra hekk –

*Peress illi l-kontendenti huma ahwa ulied il-mejtin Alexander Saliba u Loreta Saliba li mietu rispettivament fil-25 ta` Gunju 1982 u fl-14 ta` Awwissu 2001 ;*

*Peress illi l-imsemmija konjugi Alexander u Loreta Saliba kienu ghamlu testment unica charta fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tat-18 ta` Novembru 1968 kif ukoll testment addizzjonali fl-atti tal-istess Nutar datat 7 ta` Marzu 1978 fejn wara li hallew diversi legati nnominaw lill-hames uliedhom bhala eredi universali taghhom fi kwoti ugwali ;*

*Peress illi Loreta Saliba mbaghad ghamlet testment sigriet fit-22 ta` Gunju 1991 li bis-sahha tieghu varjat it-testmenti taghha fuq indikati b`dan illi filwaqt li kkonfermat lill-erba` uliedha konvenuti bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom, l-attur thalla l-legittima li ttih il-ligi ;*

*Peress illi sa llum ghadha ma saret l-ebda divizjoni tal-assi appartenenti l-eredita` tal-imsemmija Alexander u Loreta konjugi Saliba u lanqas giet likwidata l-legittima spettanti lill-attur mill-wirt ta` ommu Loreta Saliba ;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :-*

*1. Tistabilixxi u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti maghmula bejn il-mejtin Alexander u Loreta konjugi Saliba, oltre li tistabilixxi l-assi partikolari ta` Alexander Saliba u Loreta Saliba rispettivament, billi jigi dikjarat li jikkonsistu f`dawk il-beni li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza u tigi ordnata l-qasma ta` dawn l-assi f`zewg ishma, li wiehed jigi assenjat lill-assi partikolari ta` l-mejjet Alexander Saliba u l-iehor lill-assi partikolari tal-mejta Loreta Saliba ;*

*2. Tigi likwidata l-legittima materna dovuta lill-attur u tigi ordnata l-assenjazzjoni ta` dawk il-beni u / jew il-hlas ta` valur li jirrifletti din il-legittima, lill-attur, in sodisfazzjoni tad-dritt tal-legittima spettanti lilu ;*

*3. Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji appartenenti lill-eredita` tal-mejjet Alexander Saliba u lill-eredita` tal-mejta Loreta Saliba skont id-disposizzjonijiet testamentarji applikabbli ;*

*4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jircievi u jippublika l-att ta` divizjoni u assenjazzjoni li ghandu jigi pubblikat fil-jum, hin u lok li jigu determinati mill-Qorti bin-nomina ta` kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet li l-konvenuti kollha pprezentaw fil-15 ta` Dicembru 2005 li taqra hekk –

*1. Illi l-esponenti, avolja mhux kollha ghadhom gew notifikati bl-att tac-citazzjoni, jiddikjaraw li ma jsibu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici – dejjem purche` jigu rispettati x-xewqat tat-testaturi genituri tal-partijiet.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda indikati minnhom.

Rat in-nota fejn l-attur indika l-assi dawk li - skond l-istess attur - jaghmlu l-assi ereditarji tal-genituri tieghu (fol 16 u 17).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-10 ta` April 2006 fejn hatret lill-Av. Dr. Natasha Buontempo sabiex tisma` x-xiehda tal-rapprezentanti tal-HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, Lombard Bank plc u APS Bank Limited.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` l-persuni koncernati li xehdu fl-10 ta` April 2006. Ir-rapprezentanti ta` APS Bank Limited u ta` Lombard Bank Malta plc xehdu li Alexander u Loreta Saliba ma kellhomx flus depozitati maghhom, waqt li r-rapprezentanti ta` HSBC Bank Malta plc u Bank of Valletta plc xehdu li billi ma kellhomx ghad-disposizzjoni taghhom in-nru tal-karti tal-identita` tat-testaturi ma setghux jistabilixxu jekk kellhom depoziti mal-banek koncernati.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Audrey Ghigo u ta` Joseph Borg Cardona fl-udjenzi tas-17 ta` Mejju 2006 u tal-14 ta` Gunju 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenzi.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Annie Micallef, Josephine Ellul u Miriam Cilia fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Emanuel Saliba fl-udjenzi tat-28 ta` Mejju 2007, 10 ta` Ottubru 2007 u 3 ta` Dicembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokument li kien esebiti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-attur fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2008 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Rat ir-traskrizzjoni tal-kontroezami ta` Emanuel Saliba fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2008.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Joseph A. Schembri fl-udjenza tas-7 ta` April 2009 u rat id-dokumenti li pprezenta.

Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-attur li sar fit-28 ta` April 2009 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2009.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Emanuel Saliba u tal-attur fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2009.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw il-konvenuti fil-15 ta` Ottubru 2009.

Semghet il-kontroezami ta` l-konvenuta Annie Micallef, il-kontroezami ta` l-konvenuta Josephine Ellul, ix-xiehda ta` l-konvenuta Miriam Cilia u tal-attur fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2009 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tat-13 ta` Mejju 2010.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta Miriam Cilia fl-udjenza tat-13 ta` Mejju 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Romuald Attard u ta` l-attur fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Emanuel Saliba fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2011 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet id-dikjarazzjoni li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2011 fis-sens illi l-partijiet qablu li l-valur komplessiv tal-immobbli, li kollha jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` Alexander u Loreta Saliba jammonta ghal €2,669,228 jew Lm 1,145,900.

Semghet ix-xiehda in ezami u in kontroezami ta` l-konvenut Emanuel Saliba fl-udjenzi tat-3 ta` Frar 2012, tat-12 ta` April 2012, tad-19 ta` Gunju 2012, tas-6 ta` Novembru 2012, u tas-7 ta` Frar 2013. Rat ukoll id-dokumenti li kienu esebiti.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-atturi fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2013 fejn iddikjara li l-atturi kienu qeghdin jaqblu ma` dak li ssottomettew il-konvenuti fil-paragrafu hamsa (5) tan-nota ta` osservazzjonijiet taghhom fejn si tratta tal-assi mobbli ta` Alexander Saliba, partikolarment il-kont kurrenti tas-Salina Bay Hotel u l-*loan account* rispettivament ghall-ammonti ta` Lm 29,708 u Lm 4,167, u ghalhekk dawk l-ammonti kellhom jitnaqqsu ghal kollox u kellhomx jigu kkunsidrat ghall-fini ta` komputazzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Generali</u>**

Fil-kawza tal-lum, l-attur talab il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri tieghu, Alexander u Loreta konjugi Saliba, sabiex in kwantu ghall-wirt tal-missier, jithallas sehmu fil-kwota ta` wiehed minn hamsa (1/5) filwaqt li ghar-rigward tal-wirt tal-omm – li minnu kien eskluz bhala eredi – jippercepixxi wiehed minn ghaxra (1/10) bhala legittima, ladarba l-ghadd tal-ulied tal-konjugi Saliba kien ta` hamsa u cioe` l-attur u l-erba` hutu l-konvenuti.

L-atti ta` din il-kawza huma kopjuzi u jwasslu sa `il fuq minn 800 pagna.

Minflok taghmel rassenja tal-provi, il-Qorti sejra tmur mill-ewwel ghall-pern tal-kawza u cioe` illi :-

1) tillikwida u taqsam l-assi ereditarji ta` Alexander Saliba ;

2) tillikwida l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba ;

3) tistabilixxi l-legittima spettanti lill-attur ; u

4) taqsam l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba.

Hekk kif tkun qeghda taghmel l-analizi taghha, il-Qorti sejra tirreferi b`mod selettiv ghal dawk mill-provi li tqis rilevanti jew determinanti ghall-accertament tal-fatti.

Il-Qorti sejra taghmel enfasi fuq dak illi dwaru qablu l-partijiet ; fejn ma kienx hemm qbil, taghmel l-apprezzament taghha. Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel li abbazi tal-provi akkwiziti, irriskontrat posizzjonijiet li, ghar-rigward ta` xi aspetti kienu konkordanti, filwaqt illi dwar ohrajn, kien hemm konflitt. Ghal dak li huwa l-apprezzament ta` l-provi, il-Qorti sejra toqghod fuq dawk il-provi li jnisslu fiha certezza morali, hekk kif indotta mill-preponderanza tal-

probabilitajiet ("**<u>Caruana vs Laurenti</u>**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; "**<u>Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib</u>**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – Vol.LXX.II.144 u "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Is-successjoni ta` Alexander Saliba</u>**

Alexander Saliba miet fil-25 ta` Gunju 1982.

Il-partijiet **<u>jaqblu</u>** li s-successjoni ta` Alexander Saliba hija regolata (1) bit-testment "unica charta" li kien ghamel flimkien ma` martu Loreta Saliba fit-18 ta` Novembru 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea u (2) bit-testment addizzjonali fl-atti tal-istess Nutar tas-7 ta` Marzu 1978. Dawn iz-zewg testmenti kienu prezentati mill-attur permezz ta` nota tad-9 ta` Gunju 2014.

Il-partijiet **<u>jaqblu</u>** illi bis-sahha tat-testment tat-18 ta` Novembru 1968, it-testaturi konjugi Saliba hallew lil xulxin l-uzu u l-uzufrutt tal-gid taghhom u hatru bhala eredi universali taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom lill-hames uliedhom : 1) l-attur John Saliba – li miet fil-mori tal-kawza ; 2) il-konvenuta Giuseppa mart Richard Ellul ; 3) il-konvenuta Annie mart John Micallef ; 4) il-konvenuta Miriam mart Philip Cilia ; u 5) il-konvenut Emanuel Saliba.

Il-partijiet **jaqblu** li bis-sahha tat-testment tas-7 ta` Marzu 1978, it-testaturi konjugi Saliba bidlu limitatament l-ewwel testment taghhom billi hassru u bidlu legati ; fl-istess waqt pero` kkonfermaw lill-hames uliedhom bhala eredi universali taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Is-successjoni ta` Loreta Saliba**

Loreta Saliba mietet fl-14 ta` Awissu 2001.

Il-partijiet **jaqblu** illi wara l-mewt ta` zewgha, Loreta Saliba ghamlet testment sigriet fit-22 ta` Gunju 1991 fejn *inter alia* bidlet id-disposizzjonijiet testamentarji precedenti taghha billi hatret bhala eredi universali taghha lill-erba` konvenuti u halliet lill-attur il-legittima biss. Il-Qorti tghid *inter alia* ghaliex it-testatrici halliet ukoll prelegat lit-tliet uliedha bniet biss – konvenuti fil-kawza tal-lum ; dwar dan il-prelegat il-Qorti taghmel ir-rilievi taghha `l quddiem. Dan it-testment sigriet kien prezentat ukoll mill-attur flimkien man-nota fuq riferita tad-9 ta` Gunju 2014.

Il-partijiet **jaqblu** li t-testment sigriet kien l-ahhar testment li ghamlet Loreta Saliba.

**Ikkunsidrat :**

**V. Likwidazzjoni ta` l-assi ereditarji ta` Alexander Saliba**

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li fid-data tal-mewt tieghu, Alexander Saliba ma kellux propjeta` parafernali u ghalhekk l-assi ereditarji tieghu huma kostitwiti mill-valur ta` nofs il-komunjoni tal-akkwisti ta` ma` martu Loreta Saliba.

Sabiex tasal ghall-konsistenza ta` dawn l-assi ereditarji, il-Qorti sejra ssegwi s-senjalazzjonijiet li ghamlu l-partijiet fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom.

**1) <u>Immobbli</u>**

Il-partijiet **<u>jaqblu</u>** illi l-immobbli kollha li kienu jippossjedu Alexander u Loreta Saliba kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghhom.

Il-partijiet **<u>jaqblu</u>** wkoll dwar il-valur ta` l-immobbli.

Il-lista tal-immobbli – li minnhom Alexander Saliba kellu n-nofs indiviz hija din :-

i) Nofs indiviz ta` porzjoni diviza ta’ art go San Giljan tal-kejl ta’ circa hames mija u tnejn u sittin metru kwadru ( 562 m.k.) inkluz razzett bla numru fi Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan :

valur tan-nofs indiviz : **<u>€444,910.32</u>**.

ii) Nofs indiviz ta` porzjoni diviza ta' art go San Pawl il-Bahar tal-kejl ta' circa sitt mija u tnejn u tletin metru kwadru ( 632 m.k.) li ghandha faccata fuq Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar :

valur tan-nofs indiviz : **€394,129.98**.

iii) Nofs indiviz ta` erba` (4) studio flats bla numru adjacenti wiehed ghall-iehor fil-kuntrada imsejha "Hatba 'l Bajda", Salina, limiti tan-Naxxar :

valur tan-nofs : **€174,703**.

iv) Nofs indiviz ta` blokk ta' erba' appartamenti bla numru maghruf bhala "Salina Court", gja maghruf bhala "Sandra Flats", f'Ball Street, Paceville, San Giljan :

valur tan-nofs : **€157,232.70**.

v) Nofs indiviz ta` "Malborough House", fi Triq il-Lacci, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar :

valur tan-nofs : **€34,940.60**.

vi) Nofs indiviz tal-fondi numru 111 u 112, Triq San Trophimus, Sliema :

valur tan-nofs : **€107,733.52**.

vii) Nofs indiviz tal-fond rekwizizzjonat numru 121 gja 21 fi Triq Luqa Briffa, Gzira :

valur tan-nofs : **€20,380.01**.

Il-valur globali tan-nofs indiviz tal-immobbli huwa **€1,334,030.13**.

**2) Depoziti u kontanti**

**a) Skond l-attrici**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-attrici – li fil-persuna taghha kienu trasfuzi l-atti wara l-mewt ta` zewgha John Saliba – taghmel elenku ta` depoziti

u flus ohra li tikkontendi li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Alexander u Loreta Saliba u li allura nofshom jappartjenu lill-wirt ta` Alexander Saliba.

L-elenku kien dan :-

| | | |
|---|---|---|
| i) | Lombard Bank | Lm 2,600.00 |
| ii) | Mid Med Bank | Lm 5,316.00 |
| iii) | Govt. Savings Bank | Lm 1,190.00 |
| iv) | Kontanti | Lm 1,900.00 |
| v) | Kont kurrenti ma' Salina Bay Hotel Co. Ltd | Lm 29,708.00 |
| vi) | Loan account | Lm 4,167.00 |
| vii) | Kontijiet Bearer | Lm 23,207.00 |
| | **Total** | **Lm 68,088 = €158,602.37** |

Ghalhekk, skond l-attrici, il-figura li trid tidhol fil-wirt ta` Alexander Saliba hija **€79,301.18**.

**b) Skond il-konvenuti**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti qeghdin **jaqblu** fuq il-figuri indikati i), ii), iii) u iv). Dawn l-ammonti wahedhom jaghtu somma globali ta` Lm 11,006 ekwivalenti ghal €25,637.08, li jfisser illi l-figura li tappartjeni lill-wirt ta` Alexander Saliba hija **€12,818.54**.

Il-konvenuti **jikkontestaw** il-pretensjoni tal-atturi dwar l-items v) u vi).

Dwar l-item vii), il-konvenuti jghidu hekk fin-nota taghhom :-

*In kwantu jirrigwarda ghall-kontijiet hekk imsejha "Bearer" – l-esponenti kienu stqarrew, bazat fuq l-informazzjoni li kien tahom l-attur u ipprezenta f'dawn il-proceduri (ara fol 144) dwar f'xhiex kienu jikkonsistu l-ammonti f'kull*

*kont "Bearer", li kull tali kont kien gie debitament inkassat u ir-rikavat gie utilizzat sabiex thallset it-taxxa tas-successjoni tal-missier. Fil-fatt it-taxxa tas-successjoni tal-missier thallset direttament mill-attur wara li inkassa l-istess kontijiet bearer, billi ma kien hemm ebda flus likwidi li bihom, altrimenti, l-attur seta' hallas l-istess taxxa. L-ammont tat-taxxa tas-successjoni kienet tammonta ghal Lm46,091 - ara f'dan ir-rigward id-dokument preparat mill-esponenti: 'Estate of Alexander and Loreta Saliba'/ Pagni 4 u 6, Alex Saliba Net Value of Assets. Wiehed hawn irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt li l-istess ammonti "bearer" kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-genituri u attwalment biex thallset it-taxxa tas-successjoni tal-missier gew utilizzati flus [Lm23,207] li in realta kienu jappartjenu lil omm ukoll, u ta' din l-esponenti ghandhom jigu kompensati.*

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Dwar items i) sa iv) **<u>ma hemmx kontestazzjoni</u>**.

Dwar items v) u vi), il-Qorti tirrileva li fl-udjenza tal-kawza tat-30 ta` Settembru 2013, id-difensur tal-atturi ddikjara li l-atturi kienu qeghdin **<u>jaqblu</u>** mal-konvenuti li l-items v) u vi) m`ghandhomx jaghmlu parti mill-wirt ta` Alexander Saliba.

Dwar item vii), il-Qorti tghid hekk :

1) Il-kontijiet bearer fl-ammont ta` Lm 23,207 kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn Alexander u Loreta Saliba ;

2) It-taxxa tas-successjoni tal-wirt ta` Alexander Saliba kienet tammonta ghal Lm 46,091 ;

3) Bl-import tal-bearer accounts thallset in parte t-taxxa tas-successjoni ta` Alexander Saliba.

4) Ghalhekk ma fadal l-ebda flus mill-bearer accounts.

5) Riferibbilment ghall-pretensjoni tal-konvenuti illi parti mit-taxxa tas-successjoni ta` Alexander Saliba thallset bi flus tal-armla Loreta Saliba, li mietet kwazi ghoxrin sena wara zewgha, il-Qorti tghid illi l-assjem tal-provi jeskludi li l-konvenuti bhala eredi ta` Loreta Saliba ghandhom jedd ghal xi kompensazzjoni stante li l-hlas tat-taxxa tas-successjoni ta` Alexander Saliba sar bl-accettazzjoni tal-istess Loreta Saliba *vita durante* u ghalhekk kull pretensjoni tal-konvenuti f`dan ir-rigward hija insostenibbli.

**3) <u>Ghamara u deheb</u>**

**a) <u>Skond l-attrici</u>**

L-attrici tikkontendi illi fid-data tal-mewt ta` Alexander Saliba, il-komunjoni ta` l-konjugi Saliba kienet tippossjedi ghamara u deheb li kienu stmati li jiswew Lm 2,118.00. Ghalhekk in-nofs li jispetta lill-wirt ta` Alexander Saliba jammonta ghal Lm 1,059 ekwivalenti ghal €2,466.80.

**b) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu hekk :-

*L-ammont ta' Lm 2,118 li l-atturi elenkaw bhala "mobbli ohra bhal deheb u ghamara" ghandhom jitnaqqsu u mhux jizdiedu mal-assi tal-missier ghaliex l-ammont jirrapresenta spejjes imhallsa mill-eredi ghall-funeral ta' l-istess missier il-kontendenti.*

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Il-valur pretiz ikopri kemm l-ghamara kif ukoll id-deheb minghajr distinzjoni. Huwa fatt maghruf li bhala regola l-valur tal-ghamara li kien jigi ndikat fid-denunzji tas-successjoni kien ikun baxx. Fl-assenza ta` l-prova ta` l-valur tal-ghamara fid-data tal-mewt ta` Alexander Saliba, kif ukoll minhabba l-fatt maghruf li accennat ghalih, il-Qorti mhijiex sejra tqis l-ghamara li kienet taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghall-fini tal-komputazzjoni ta` sehem il-wirt ta` Alexander Saliba. Min-naha l-ohra sejra toqghod fuq il-figura ta` Lm 2,118 bhala l-valur tad-deheb.

Issa ghalkemm id-deheb kien jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u allura nofs il-valur huwa sehem il-wirt ta` Alexander Saliba, il-Qorti xorta wahda mhijiex sejra tattribwixxi nofs il-valur tad-deheb lill-wirt ta` Alexander Saliba in vista tat-tieni artikolu tat-testment sigriet ta` Loreta Saliba tat-22 ta` Gunju 1991 li l-Qorti sejra tittratta dwaru aktar `il quddiem.

**4) <u>Kumpens ghal propjeta` esproprijata</u>**

**a) <u>Skond l-attrici</u>**

Fil-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Saliba, kien hemm propjeta` fi Strada Stretta, Valletta, li kienet esproprijata mill-Gvern. Il-Gvern hallas is-somma ta` Lm 346,092.23 ekwivalenti ghal €806,177.49. Il-kont tal-bank fejn sar id-depozitu ghandu €844,477.48. Ghalhekk fil-wirt ta` Alexander Saliba ghandu jidhol nofs din il-figura u cioe` €422,238.74.

**b) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu hekk :-

*7. Fis-sena 2003 u aktar precizament fil-03 ta' Marzu 2003, il-partijiet kollha gew notifikati b'ittra minghand id-dipartiment tal-Artijiet li permezz taghha gew infurmati li dik il-proprieta giet esproprijata. Il-konvenuti ikkontestaw dawk il-proceduri izda l-attur ghazel li ma jaghmel xejn. Ir-rizultat ta' dawk il-proceduri intemm b'success, fil-16 ta' Jannar 2004, ghall-esponenti izda, naturalment, il-kumpens ghall-espropriju dovut lill-attur baqa' dak li kien offrut. L-attur ghazel li jibqa' sieket u silenti u ma jaghmel xejn dwar il-proceduri li intavola id-Direttur tal-Artijiet. Ma jistax issa jippretendi li ghandu dritt jiggranfa anke mal-flejjes dovuti lill-esponenti.*

*8. Illi sussegwentement ghall-istess konkluzjoni tal-proceduri legali gie iffirmat il-kuntratt mad-Dipartiment koncernat li fih dehru il-partijiet kollha u kull parti irceviet minghand il-gvern malti dak li kien haqqha u jisthoqqilha. Ara f'dan ir-rigward il-kopja tal-kuntratt tal-04 ta' Dicembru 2007 fl-atti tan-nutar Vincent Miceli gia esibit u markat bhala Dokument AM1.*

*9. B'rizultat tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 919/2007 li l-attur ippresenta kontra l-esponenti l-istess somma tal-espropriju giet sekwestrata u*

*sussegwentement depozitata taht l-awtorita tal-Qorti fil-27 ta' Dicembru 2007 u kien fuq inizjattiva ta' din il-parti li il-flus, flok ma baqghu imblukkati kapriccjosament u kontra l-interessi tal-partijiet kollha depozitati fir-registru tal-qorti minghajr imghax gew depozitati f'kont bankarju "escrow" f'isem it-tlett avukati koncernati. L-imghax li gew akkreditati fuq din is-somma mill-bank HSBC huwa bir-rata misera ta' 1.35% fis-sena. Kieku dan l-ammont li kien jispetta lill-esponenti, flok ma gie kapricciosament imblukkat minn John Saliba, intreha f'idejhom, huma setghu facilment jircevu imghax b'rata ferm ghola u ta' mhux anqas minn 5% fis-sena.*

*10. Mill-ammont globali ta' Lm221,986 [€517,089.21] imhallas mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-vendituri (il-partijiet kollha f'din il-kawza) jirrizulta, mill-istess kuntratt li jinsab esebit, illi l-attur irceva is-somma ta' Lm23,200 [€54,041. 46] filwaqt li kull wiehed mill-ko-vendituri l-ohra ircevew is-somma ta' Lm49,696 [€115,161.93] ghal sehemhom. Ircevew ukoll is-somma ta' Lm124,104 [€289.088. 91] bhala imghax li minnhom l-attur irceva is-somma ta' Lm17,038 [€39,687. 17] bir-rimanenti tithallas lill-esponenti fi kwoti indaqs bejniethom. Kopja tal-kuntratt notarili li minnu jirrizultaw l-ammonti dovuti lil kull parti interessata diga tinsab esibita fl-atti ta' dawn il-proceduri.*

*11. Ghandu jinghad ghall-ezattezza illi il-Kummissarju tal-Artijiet, meta ghamel il-kalkoli tieghu, li kienu gew accettati ciecament mill-esponenti, ghamel zball ohxon kontra taghhom. Attwalment, anke minn kif jirrizulta mis-sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet tal-06 ta' Frar 2004 (Kawza 26/03) l-ammont li kien offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet li gie notifikat lill-partijiet kien ta' Lm116,000 ghall-intier u ghalhekk sehem il-missier kien ta' Lm58,000 li minnu l-attur kellu biss kwinta parti u cioe Lm11,600 u decima parti tal-bilanc u cioe is-somma ta' Lm5,800 (il-parti tal-omm) biex b'kollox allura isegwi li l-attur ghandu dritt li jircevi mill-bejgh tal-proprieta ta' Strada Stretta is-somma globali ta' Lm17,400, apparte l-imghax relattiv. Attwalment il-Kummissarju tal-Artijiet, meta wiehed jezamina il-kuntratt, ghadda lil John Saliba l-ammont ta' Lm23,200. Inoltre akkreditah ukoll bl-imghax fuq l-istess somma u cioe Lm17,038 meta attwalment l-istess imghax, fuq l-ammont attwalment dovut lilu, kien jammonta ghal Lm12,778. 27. Fi ftit kliem l-ammont likwidabbli lil John Saliba mill-proprieta ta' Strada Stretta, bl-imghax b'kollox inkluz, jammonta ghal Lm30,178. 27 kontra l-ammont li gie likwidat u imhallas lil John Saliba mill-Kummissarju tal-Artijiet u cioe is-somma Lm40,237. 70.*

*12. Illi jekk qatt kien hemm sekwestru li sar vessatorjament huwa dan. L-ammont spettanti lill-attur kemm mill-eredita` ta' missieru kif ukoll minn dik ta' ommu qatt ma kienet messha in dubbio u fil-fatt minn dejjem kien hemm bizzejjed proprieta immobbli li ghadha in komuni, ammontanti, kif jghid l-attur stess fin-nota ta' sottomissjoni tieghu, ghal aktar minn miljun lira maltin u kwindi l-esponenti dejjem zammew lill-attur responsabbli ghall-imghax li huma tilfu b'rizultat tal-mandat ta' sekwestru li inhareg vessatorjament kontra l-esponenti. F'dan ir-rigward l-esponenti jippretendu li ghandhom id-dritt li jigu kompensati ghalihom u li tali ammont jigi pacut ma' kwalsiasi ammont li sejra tillikwida din il-Qorti favur l-atturi – dan apparte l-ispejjes relattivi mal-istess proceduri.*

*13. Isegwi ghalhekk li l-esponenti ghandhom id-dritt li jircevu is-somma differenzjali ta' Lm10,059. 43 [Lm40,237. 70 minus Lm30,178. 27] kif ukoll l-imghax li huma tilfu kapriccjosament b'rizultat tal-agir inkonsult ta' John Saliba meta issekwestra dak li ma kellux ghal fejn jissekwestra u li l-esponenti jikkalkolaw li kienu jircevu is-somma ta' Lm 83,144. 53 u cioe l-ammont ta' Lm107,962. 92 imghax kalkolat bil-05% fix-xahar fuq il-figura ta' Lm346,092.23 li minnu tnaqqas l-ammont ta' Lm30,178.27 li huwa ta' John Saliba. Minn din is-somma ta' Lm107,962. 92 sar tnaqqis ta' Lm21,095. 63 li huwa l-imghax li attwalment irrenda l-istess kont mill-bank HSBC sal-30 ta' Awwissu 2013 kif ukoll tnaqqis iehor ta' Lm3,722.76 bhala final withholding tax (15%) imnaqqsa mill-kont u b'hekk is-somma komplessiva ta' Lm24,818.39 tnaqqset mis-somma ta' Lm107,962. 92 bir-rizultat illi l-esponenti tilfu id-differenza ta' Lm83,144.53 f'imghax li kieku din l-azzjoni ma ittiehditx kapriccjosament minn John Saliba.*

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Il-fondi go Strada Stretta, Valletta, li kienu esproprijati, kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` Alexander u Loreta Saliba.

Jidher illi meta d-Dipartiment tal-Artijiet baghat l-ittra lill-hamest ahwa Saliba fejn ippropona l-kumpens ghall-esproprijazzjoni, huwa qieshom bhala l-hamest ulied tal-konjugi Saliba, bla ma dahal fil-konsiderazzjoni li ghar-rigward tal-wirt ta` Loreta Saliba, John Saliba kien biss legittimarju.

Jirrizulta li b`decizjoni moghtija fis-6 ta` Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet "*Kummissarju tal-Artijiet vs John Saliba, Giuseppa Ellul, Annie Micallef, Emmanuel Saliba u Miriam Cilia ghall-utile dominju perpetwu*" liema decizjoni saret gudikat il-Bord ta` Arbitragg dwar Artijiet ordna t-trasferiment b'titolu assolut tal-utile dominju perpetwu tal-fondi n-numru 20, 21, 22, 23, u 24, Triq id-Dejqa, Valletta, bil-kumpens dovut favur John Saliba bhala dak offrut mill-attur, u cioe sehem minn hamsa 1/5 ta' Lm10,000, Lm10,000, Lm80,000, Lm6,000, u Lm10,000 rispettivament, u dan peress illi John Saliba ma kienx ikkontesta l-valur  offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet, filwaqt li pproceda sabiex iddecieda illi s-somma dovuta lill-intimati l-ohra u cioe` l-konvenuti fil-kawza tal-lum, hu dak stabbilit mill-periti, li jigi aktar minn dak li talbu huma. Tali sitwazzjoni jipprospetta l-Artikolu 31(2) tal-Kap 88, meta jitkellem fuq l-ispejjez ta' procedura quddiem il-Bord ; Lm24,895, Lm12,253, Lm181,765, Lm16,302, Lm13,268, 5/248483 = Lm49696.60, sehem ta' kull wiehed Lm49,693.60 kull wiehed mill-intimati l-ohra, kollox dawn l-erbgha (Lm 49,696.60 x 4) = Lm198786.40, u dana skond relazzjoni tal-periti teknici, kif ukoll hatar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun qed jghamilha minfloku biex jippublika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar l-14 ta' Frar 2005, fid-9.00am.

Jirrizulta li l-pubblikazzjoni tal-att ma sarx fl-14 ta` Frar 2005 billi wara din id-decizjoni, il-Kummissarju tal-Artijiet mexxa kontra l-hamest ahwa Saliba l-ewwel bi procediment ta` ritrattazzjoni li kien deciz kontra l-Kummissarju tal-Artijiet fit-30 ta` Mejju 2006, u in segwitu bi procediment quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn talab it-thassir tad-decizjoni tal-Bord tas-6 ta` Dicembru 2004 liema kawza kienet deciza kontra l-Kummissarju tal-Artijiet fl-1 ta` Novembru 2006.

Jirrizulta li fil-21 ta` Gunju 2007, hareg Mandat ta` Sekwestru Nru 919/2007 wara talba ta` John Saliba.

Jirrizulta li fl-4 ta` Dicembru 2007 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli li ghalih dehru *inter alia* l-hamest ahwa Saliba in esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tas-6 ta` Dicembru 2004. Is-somma kapitali li hallas id-Dipartiment tal-Artijiet kienet ta` Lm 221,986.40 ekwivalenti ghal €517,089.21 in kwantu ghal Lm 23,200 ekwivalenti ghal €54,041.46 bhala l-kwota spettanti lil John Saliba, u Lm 49,696.60 ekwivalenti ghal €115,761.93 bhala l-kwota spettanti lil kull wiehed mill-erba` ahwa Saliba l-ohra. Id-Dipartiment hallas ukoll imghax ta` Lm 124,105.83 ekwivalenti ghal €289.088.81 in kwantu ghal Lm 17,037.70 ekwivalenti ghal €39,687.17 destinati lil John Saliba u in kwantu ghal Lm 107,068.13 ekwivalenti ghal €249,401.65 destinati lill-erbat ahwa Saliba l-ohra flimkien. L-imghax kien ikkalkolat skond il-ligi b`effett mill-1 ta` April 1993 sal-4 ta` Dicembru 2007.

Jirrizulta li dawn il-flus kienu kolpiti bil-Mandat ta` Sekwestru Nru 919/2007, u ghalhekk mill-ammont ta` Lm 346,092.23, il-Kummissarju tal-Artijiet iddepozita fis-27 ta` Dicembru 2007 taht l-Awtorita` tal-Qorti permezz ta` Cedola ta` Depozitu Nru 1642/2007 is-somma ta` Lm 341,438.55 wara li naqqas l-ispejjez tad-depozitu fl-ammont ta` Lm 4,653.68.

Jirrizulta li in segwitu wara ftehim bejn il-partijiet sar zbank tal-ammont depozitat li tqieghed imbaghad go kont bankarju f`isem l-avukati tal-partijiet fil-kawza tal-lum.

Din il-Qorti tghid illi s-somma ta` Lm 341,438.55 tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Saliba. Ghalhekk il-wirt ta` Alexander Saliba ghandu jircievi Lm 170,719.27c. Tghid pero` illi minhabba l-mod kif svolga l-procediment tal-esproprijazzjoni, ir-ripartizzjoni ta` dik is-somma bejn il-partijiet ma tistax tkun indaqs.

Li kieku l-Qorti kellha taqsam Lm 170,719.27 bejn hamsa, minghajr ma taghti l-icken konsiderazzjoni ghall-mod kif svolga l-procediment tal-esproprijazzjoni, kull wiehed mill-hames eredi ta` Alexander Saliba jircievi Lm 34,143.85c. Billi pero` John Saliba "accetta" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-offerta tal-Kummissarju tal-Artijiet (kontra li ghamlu l-erba` hutu l-ohra) il-Qorti tqis l-accettazzjoni tieghu bhala rinunzja ghal kwalsiasi ammont iehor in eccess tal-offerta eccetto l-imghax. Dan ifisser illi l-figura allokata lil John Saliba mill-Kummissarju tal-Artijiet skond id-decizjoni tal-Bord tas-6 ta` Dicembru 2004 u cioe` Lm 40,237.70 (Lm 23,200 + Lm 17,037.70) ghandha tkun bizzejjed biex tkopri s-sehem tieghu mill-wirt ta` Alexander Saliba u l-legittima tieghu fuq in-nofs l-iehor ta` Lm 170,719.27 li jaghmlu parti mill-wirt ta` Loreta Saliba. Ghar-rigward tal-imghax li akkumula fil-kont bankarju f`isem l-avukati tal-partijiet, wara li sar l-izbank tal-flus li kien iddepozita l-Kummissarju tal-Artijiet, John Saliba ghandu jircievi s-sehem tieghu ta` dak l-imghax ibbazat fuq il-figura ta` Lm 40,237.70. Il-bqija tal-flus u l-bqija tal-imghax ghandu jinqasam indaqs bejn il-konvenuti.

B`riferenza ghal uhud mis-sottomissjonijiet li ghamlu l-konvenuti, il-Qorti tirrileva illi hija marbuta tippronunzja ruhha dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Mhuwiex kompitu ta` din il-Qorti li fis-sentenza tal-lum tiddeciedi jekk il-Mandat ta` Sekwestru Nru 919/2007 kienx frivolu jew vessatorju inkella le. Jekk il-konvenuti huma tal-fehma li bl-ispedizzjoni tal-Mandat garrbu danni ghax kien frivolu jew vessatorju, allura ghandhom jipprocedu diversament.

L-istess ighodd ghall-kwistjoni tal-allegat zball fil-kalkoli li ghamel id-Dipartiment tal-Artijiet. Il-kuntratt jorbot lill-kontraenti u dment li ma jigix kontestat skond il-ligi, u allura jibqa` dak li hu, ma hemmx aktar x`isir ghajr dak li jghid.

## 5) <u>Depoziti esteri</u>

Jissemma depozitu ta` Franki Svizzeri fil-UBS Bank u depozitu ta` Franki Svizzeri fil-Lloyds Bank.

**a) <u>Skond l-attrici</u>**

L-attrici tikkontendi li l-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn Alexander u Loreta Saliba tikkomprendi flus depozitati barra mill-pajjiz fl-ammont ta` 923,922 Franki Svizzeri (CHF). Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-attrici ma taghtix dettalji. Skond l-attrici, il-wirt ta` Alexander Saliba ghandu nofs dawn il-flus u cioe` CHF 461,961.

**b) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu hekk dwar id-depozitu fil-UBS Bank :-

*14. Mhux minnu li hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont ta' CHF 923,922.00. Kif irrizulta waqt il-gbir tal-provi u aktar precisament kemm minn dak li qal il-konvenut Emanuel Saliba u kemm minn dak li naqas li jghid l-attur John Saliba l-istess attur <u>qatt ma pprezenta</u> opening balance fuq bank statement <u>originali</u> tal-UBS, allavolja kien dejjem jinsisti bil-kliem u bil-kitba li hu kellu id-dokumenti kollha tal-kontijiet. Ladarba kellu id-dokumenti kollha x'zamm lill-attur John Saliba milli johrog nadif u jipprezenta tali opening statement fl-original tieghu ? L-uniku persuna li kien firmatarju ta' dan il-kont barrani kien l-attur u hadd mill-esponenti ma kien firmatarju tieghu. Fil-fatt, kif irrizulta waqt il-gbir tal-provi u senjatament minn pagna 4 tal-affidavit tal-attur, kienet saret distribuzzjoni ta' GBP 20,000 lil kull wiehed u wahda mill-partijiet. Fil-fatt din id-distribuzzjoni saret qabel ma miet il-missier u t-tqassim sar minn dawn il-flus.*

*15. Minhabba li qabel ma giet istitwita il-kawza saru diversi laqghat anke fil-prezenza tal-kompjant Dr Joe Fenech, skond kif qal l-istess konvenut Emanuel Saliba, l-avukat Fenech stess kien insista u irrepeta kemm il-darba li hu personali kien prezenti ma' l-attur meta fetah dan il-kont tal-UBS u s-somma kienet ta' Lm 400,000.*

*16. Fl-affidavit tieghu, l-attur naqas milli jsemmi li huwa stess kien ghamel it-tieni distribuzzjoni, fuq rikjesta mill-omm, fis-somma ta' GBP 150,000, distribwita bejn il-kontendenti. Din saret fil-1984 u, kif jirrizulta mid-dokument esibit, dawn il-flus gew ukoll mill-UBS Bank. Id-dokument li jipprova din id-distribuzzjoni jinsab esibit mill-esponenti u tinsab a folio 134 tal-process.*

*17. L-attur dejjem qal li ghandu id-dokumenti kollha f'idejh dwar dan il-kont. Kien l-uniku firmatarju tieghu izda, ghal xi raguni jew ohra li jafha huwa biss, baqa' ma gie esibit ebda dokument iehor la mill-istess attur waqt li kien ghadu haj u lanqas mill-armla tieghu u uliedu wara mewtu.*

*18. Meta l-esponenti Emanuel Saliba pprova jiskopri aktar dwar il-kont in kwistjoni, huwa ma inghata (korrettement) ebda informazzjoni mill-bank u dan ghas-semplici raguni li huwa ma kienx firmatarju fuq l-istess kont. Il-bank innegalu it-talba tieghu ghal tali informazzjoni u il-bank kien korrett f'dan l-agir tieghu.*

Dwar id-depozitu ta` Lloyds Bank, il-konvenuti jghidu hekk :-

*19. L-esponenti Emanuel Saliba kien firmatarju ta' dan il-kont u kien izomm lil ommu infurmata. Kif qal l-esponenti fil-kors tal-gbir tal-provi, huwa kien mar jiltaqa' ma' Dr Joe Fenech f'lukanda f'Londra fejn it-tnejn kienu qeghdin, f'lukandi differenti – b'Dr Fenech fuq xoghol u l-esponenti fuq btala mal-mara. Dr. Joe Fenech kien qal lill-esponenti Emanuel Saliba li l-attur (f'isem il-kumpanija) kien tilef il-Kawza kontra Saga u li kien sejjer ixolji il-kumpanija. L-esponenti tkellem mal-attur telefonikament u, wara diskussjoni shuna billi Emanuel Saliba kien kontra ix-xoljiment tas-socjeta Salina Bay, l-attur kien haliflu li wara il-mewt ta' ommhom, kien sejjer jaghmilhom, lill-esponenti, "zibel u trab ta' l-art". L-esponenti informa lill-omm b'dan id-diskors u din tatu istruzzjonijiet biex jaghlaq dan il-kont bankarju li tieghu huwa kien firmatarju.*

*20. L-attur, fil-kors tal-kawza (ma' l-affidavit tieghu), ipprezenta statement li jgib id-data ta' April 1984 bl-ammont ta' CHF 586,422. 50 . Minn statement tal-bank li l-istess attur kien baghat lill-esponenti bid-data ta' Gunju 1987, jirrizulta bilanc ta' CHF 412,566. Minhabba mismanagement tieghu, l-attur tellef lill-partijiet l-ohra u lilu innifsu is-somma ta' CHF 111,644 (market*

*crash ta' Ottubru 1987). Qabel dan il-crash, l-attur kien inghata parir biex icaqlaq il-flus izda baqa' ma ghamel xejn.*

*21. Meta mis-somma ta' CHF 412,566 jitnaqqas it-telf imsemmi wiehed jasal ghas-somma ta' CHF 310,854 (GBP 105,000) li gew zbankati mill-esponenti fuq istruzzjonijiet tal-omm, kif gia` fuq spjegat.*

*22. L-esponenti Emanuel Saliba investa din is-somma ta' GBP 105,000 f'Decembru 1987 u, sal-1999, l-interessi akkumulati ta' GBP 110,000, is-somma li biha inghalaq il-kont kienet ta' GBP 215,000. L-omm regghet tat istruzzjonijiet lil binha Emanuel biex dawn il-flus (kapital u imghax) jigu zbankati u divizi bejn il-hamest ahwa, kif fil-fatt gara. L-attur irceva sehemu fl-ammont ta' GBP 43,000 u ghal din is-somma halla, assolutament bla ebda riserva ta' xejn, ricevuta, li kopja taghha tinsab ukoll esibita f'dawn il-proceduri.*

*23. L-esponenti jishaq li, kif xehed u mhux kontradett, illi l-attur kien jaf bl-ewwel figura tal-kont li l-omm ordnat li jinghalaq, ghaliex meta mar il-bank, ftit tal-granet wara l-gheluq tal-imsemmi kont, l-attur kien inghata mill-bank innifsu kopja tal-istatement li kien jindika li l-kont kien inghalaq.*

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti wara li qieset l-assjem tal-provi illi kwalsiasi flus li kienu depozitati barra, u li kienu tal-konjugi Saliba, inqasmu ndaqs bejn il-hames ahwa Saliba, in parte wara l-mewt ta` Alexander u l-bqija meta kienet ghadha hajja Loreta Saliba. Fic-cirkostanzi, il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghall-pretensjoni tal-attrici f`dan ir-rigward.

**6) <u>Akkwist ta` ishma fis-Salina Bay Hotel</u>**

**a) <u>Skond l-attrici</u>**

L-attrici tirrileva illi permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar tas-26 ta` Awissu 1988, John Saliba kien akkwista l-ishma li kellhom il-mejjet Alexander Saliba u Emanuel Saliba. John Saliba jixhed illi hallas is-somma

globali ta` Lm 386,000.00, inkluz imghaxijiet ; minnhom sehem Emanuel Saliba kien jammonta ghal Lm 49,500.00. Oltre dan kien sar pagament ta` Lm 50,000 li thallas permezz ta` *bearer book* ghall-bejgh ta` mobbli fl-istess lukanda ; minn liema prezz, sehem Emanuel Saliba kien jammonta ghal Lm 8,333.00. B`hekk l-ammont nett ghall-bejgh tal-ishma kien Lm 378,167.00. Dan l-ammont jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Saliba u kwindi nofs u cioe` Lm 189,083.50 jappartjeni lill-wirt ta` Alexander Saliba soggett ghall-uzufrutt ta` martu Loreta Saliba waqt li n-nofs l-iehor kien ta` l-istess Loreta Saliba de proprio. John Saliba jghid li kien irceva ammont ta` Lm 27,571.00 permezz ta` depozitu bankarju fil-Bank of Valletta, soggett ghall-uzufrutt ta` Loreta Saliba. Billi sehem John Saliba kien ta` Lm 37,816.70, il-bilanc favur tieghu huwa Lm 10,245.70 ekwivalenti ghal €23,866.06.

**b) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu hekk :-

*24. Illi it-termini tal-kuntratt jitkellmu wehidhom u ma hemm assolutament lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-workings tal-esponenti li huma prezentaw lil din l-Onorabbli Qorti u hawn qed issir riferenza partikolari ghal pagna 5 tal-istess workings, huma kollha ibbazati fuq l-istess figuri rizultanti mill-kuntratt imsemmi.*

*25. Huwa veru li l-attur pprova jghid li l-avukat sottofirmat kellu somma ta' flus (Lm50,000) bhallikieku sottobanco, minghajr ma qal ezattament hekk, izda hekk ta x'jifhem – izda l-avukat sottofirmat sfida lill-attur jghid mnejn gew dawn il-flus u fejn marru dawn il-flus u l-attur baqa' sieket. L-attur ma kienx kapaci jghid xejn f'dan ir-rigward u dan ghas-semplici raguni li ma hemm xejn veru f'dak li xehed l-attur f'dan ir-rigward.*

*26. L-avukat sottofirmat xehed f'dawn il-proceduri u ghamilha cara daqs il-kristall illi ma kienx hemm centezmu anzi millezmu li setghet ghaddiet minn idejh li taghha ma kienx ta rendikont shih lill-partijiet u hadd minnhom ma kien skontent dwar l-istess amministrazzjoni. Hadd mill-partijiet, inkluz l-attur, ma qatt iddubita mill-integrita` tal-avukat sottofirmat, ghajr ghal meta l-attur xehed u prova jitfa' dell ikrah fuqu. L-avukat sottofirmat ma qaghdx lura u xehed f'dawn il-proceduri bil-gurament tieghu. Bl-akbar umilta` u bl-akbar sens ta' sodisfazzjon jinghad li Malta zghira u n-nies maghrufa, nirringrazzjaw 'l Alla.*

*27. Illi ghandu jigi notat ukoll illi skond it-termini tal-kuntratt l-attur kien zamm f'idejh is-somma ta' Lm15,327 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-taxxa "not in dispute till 1985) – izda attwalment l-istess attur qatt ma pprovda ricevuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li dawn il-flus attwalment thallsu kif kienu intenzjonati li jsir u kwindi l-attur ghandu f'idejh flus appartenenti lill-esponenti li ma gewx imhallsa kif kienu miftehma. Id-Dokument JS11, fl-ammont ta' Lm 3301 apparte li huwa ricevuta ghal figura kompletament differenti minn dak imsemmi fil-kuntratt, hija definite mill-istess Kummissarju bhala "settlement tax" izda ma hemm xejn x'jindika bhala perijodu jew dettalji ohra u ghalhekk ma tistax tittiehed bhala li hija imhallsa ghall-iskop intiz. Raguni ohra ghala wiehed jiddubita minn dan il-pagament hija li il-kuntratt hu datat Awwissu 1988 fil-waqt li id-dokument JS11 huwa datat 09 ta' Dicembru 2004 – u cioe diskrepanza ta' aktar minn sitt snin!*

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni tal-allegazzjoni – vera jew prezunta, velata jew sottintesa - li seta` ghamel John Saliba dwar l-imgieba tal-avukat tal-konvenuti billi ma tqisx li b`dak li stqarr seta` bidel xi haga mill-kwistjoni li ghandha quddiemha. Dan apparti l-fatt accertat li, abbazi tal-provi akkwiziti, il-Qorti ma sabet l-ebda nuqqas ta` xi xorta da parti tal-avukat tal-konvenuti. Dwar dan, il-Qorti hija pjenament sodisfatta.

Dan premess, il-Qorti ssib illi l-konteggi tal-attur dwar dan il-kap huma verosimili u sejra toqghod fuqhom.

**7) <u>Taxxa tas-successjoni</u>**

**a) <u>Skond l-attrici</u>**

It-taxxa tas-successjoni ta` Alexander Saliba kienet tammonta ghal Lm 46,091. Sehem John Saliba minn dan il-kont kien ta` Lm 9,218.20. John Saliba hallas taxxa addizzjonali ta` Lm 3,301.00 ghalkemm is-sehem tieghu kellu jkun ta` Lm 825.25. Ghalhekk it-tnaqqis li ghandu jkun hemm mill-kalkolu dovut lill-

attur mill-eredita` ta` Alexander Saliba jammonta ghal Lm 6,742.45 ekwivalenti ghal €15,705.68.

**b) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Il-konvenuti jaccettaw illi t-taxxa tas-successjoni ta` Alexander Saliba kienet ta` Lm 46,091. Dwar il-konteggi l-ohra, il-konvenuti ma jghidu xejn.

**c) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Kwazi n-nofs tat-taxxa tas-successjoni thallset bl-import tal-bearer accounts li rrizulta kemm kienu fid-data tal-mewt ta` Alexander Saliba. Il-bqija tat-taxxa thallset ukoll. L-uniku esbors li jidher li kien hemm kienet it-taxxa addizzjonali li hallas direttament John Saliba nkluz is-sehem tieghu. Ghalhekk John Saliba ghandu jiehu lura mill-wirt id-differenza bejn Lm 3,301 + Lm 825.25, ekwivalenti ghal €5,767.52.

**8) <u>Riassunt tal-assi</u>**

Abbazi tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti, il-wirt ta` Alexander Saliba huwa kompost kif gej :

**<u>Assi</u>**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 1,334,030.13 + |
| Depoziti u kontanti | € 12,818.54 |
| Fondi esproprijati | € 397,668.93 |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 376,221.76 |

(wara li tnaqqas l-akkont fl-ammont ta` €64,223.15 li diga` rcieva John Saliba)

| | | |
|---|---|---|
| Taxxa addizzjonali tas-successjoni | € | 5,767.28 |
| **TOTAL** | **€ 2,126,506.64** | |

**9) Qasma u assenjazzjoni**

**a) Legati**

Skond iz-zewg testmenti ta` Alexander Saliba fuq riferiti, jirrizulta li thallew legati ; uhud mil-legati li thallew bis-sahha tal-ewwel testment, tnehhew fit-tieni testment jew gew modifikati. Fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom, il-partijiet ittrattaw mill-inqas dwarhom, hlief ghal accenn ghal ishma ta` l-konvenut Emanuel Saliba fis-Salina Bay Hotel Company Limited. Ghajr ghal dak rilevat fin-noti ta` osservazzjonijiet, il-Qorti sejra tassumi li ma hemmx pretensjonijiet dwar il-legati ; ghalhekk mhijiex sejra tnaqqas xejn aktar minn dak li ghandu jinqasam bejn l-eredi.

**b) Qasma**

Fil-fehma tal-Qorti, il-hames eredi ta` Alexander Saliba ghandhom jircievu hekk :

**John Saliba (l-attrici)**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 266,806.03 + |
| Depoziti u kontanti | € 2,563.71 |
| Fondi espropprijati | € 93,728.63 |
| (inkluza porzjoni tal-legittima tal-omm) | |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 23,865.82 |
| Taxxa addizzjonali tas-successjoni | € 5,767.28 |
| **TOTAL** | **€ 392,731.47** |

**Giuseppa Ellul**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 266,806.03 + |
| Depoziti u kontanti | € 2,563.71 |
| Fondi espropprijati | € 75,985.07 |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 88,088.98 |
| **TOTAL** | **€ 433,443.79** |

**Annie Micallef**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 266,806.03 + |

| | |
|---|---|
| Depoziti u kontanti | € 2,563.71 |
| Fondi esproprijati | € 75,985.07 |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 88,088.98 |
| **TOTAL** | **€ 433,443.79** |

**Emanuel Saliba**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 266,806.03 + |
| Depoziti u kontanti | € 2,563.71 |
| Fondi esproprijati | € 75,985.07 |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 88,088.98 |
| **TOTAL** | **€ 433,443.79** |

**Miriam Cilia**

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 266,806.03 + |
| Depoziti u kontanti | € 2,563.71 |
| Fondi esproprijati | € 75,985.07 |
| Ishma tas-Salina Bay Hotel | € 88,088.98 |
| **TOTAL** | **€ 433,443.79** |

**c) <u>Assenjazzjoni</u>**

Qabel tesprimi l-gudizzju taghha, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-gurisprudenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Giuseppe Mejlak et vs Cecilia Zahra Scicluna</u>"** riportata fil-Kollez. Vol. XXXII.I.239**,** il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-

*Illi in tema generali, fejn hija possibbli d-divizjoni materjali komodament u bla diskapitu, ir-rimedju tal-licitazzjoni, li huwa ukoll mod kif issir il-qasma, ghandu jcedi l-kamp ghad-divizjoni. Sabiex ikollu prevalenza r-rimedju tal-licitazzjoni ma hemmx bzonn li ssir ricerka jekk il-qsim tal-haga li tkun hijiex assolutament u materjalment (fizikalment) impossibbli (haga per se rarissima dwar l-immobili li kwazi dejjem b`xi mod jew iehor jistghu jigu maqsuma u frazzjonati f`porzjonijiet) imma jekk l-istess qasma tistax issir komodament u minghajr ma l-haga indiviza titlef il-valur jew tkun kagun ta` pregudizzju komuni, jew il-qasma tgharraq jew tirrendi mhux civili l-haga ;*

*Illi minn dan jitwassal car li sabiex il-haga tista` tinghad jew le komodament divizibbli u bla diskapitu, il-gurista ghandu jhares lejha fl-istat taghha fl-epoka meta giet radikata t-talba ghall-licitazzjoni (ara Troplong, Della Vendita, fil-qiegh para. 862 Ediz. Livorno, 1638 Fratelli Vignozzi e Nipote, pagina 456, colonna 2da.) ;*

*llli ma hemmx bzonn jinghad li d-decizjoni tal-kwistjoni timporta apprezzament ta` fatt, u kien ghalhekk li gie deciz mill-Qorti taghna li l-gudikant mhux obbligat jikkonforma ruhu mal-opinjoni tal-periti, li l-Qorti tkun innominat, kontra l-konvinzjoni morali tieghu u ghalhekk ghandu s-setgha diskrezzjonali jirrisolvi, skond ic-cirkostanzi, il-punt jekk il-haga in kwistjoni hijiex jew le komodament divizibli u bla hsara jew diskapitu (ara Appell 17 Marzu 1865 in re "Ebejer - vs - Griscti" Kollez. Vol. III pag. 292 in ispecje. pag.*

*293 fil-qiegh tal-pagina. Prim Awla Civili 20 ta` Ottubru 1877 in re "Ellul - vs - Brincat" Kollez Vol VIII pag. 321, u in ispecje pag. 322, Kol. la.) ;*

*llli jigi affermat ukoll li l-kliem "maqsum bla xkiel" huwa korrispondenti ghall-kelma tal-Kodicijiet kontinentali fejn giet uzata l-kelma "kommodament" u uzata mill-Ligi taghna, jidhol mhux biss il-kuncett ta` parti ohra li tikkomprendiha, liema hemm u ghandu jkun hemm l-impenn tal-kuncett tal-qasma diretta bejn hsieb u fehema tal-konservazzjoni, u li minn dik l-istess qasma tkun tista` titnissel ripartizzjoni ugwali dwar il-vantaggi li l-istess haga tipptokura fl-istat li tkun fih qabel id-divizjoni ;*

*Minn dan jitnissel car li l-qasma li minnha jokkupa ruhu d-dritt privat ma hijiex ix-xoljiment tal-partijiet li jikkomponu l-haga ndiviza, jew disunjoni li tista` jkollha bhala konsegwenza necessarja r-risultat rovinuz tal-istess haga 'pro indiviza'.*

*Illi ghall-konferma ta` dawna l-principji li ntqalu fuq jinghad li wiehed mill-kriterji principali fil-kaz ta` dubju dwar id-divizibilita` ta` stabbli huwa desunt min-necessita` li fond ma jigix smemdrat sabiex ma jkunx deprezzat, u l-imhallef tal-kwistjoni ghandu jesigi mill-parti stat ta` konfront bejn il-valur tal-immobbili intier u dak ta` l-istess smembrament s`intendi kif il-fond ikun jinsab." (Ara Appell Casale 29 ta` Jannar 1887. "Giur. Cas . 12 citat mill-Baldi, Diritto Civile, Vol I, pag. 993 vuci `Vendita` inspecje "Vendita degli immobili").*

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Deguara vs Calleja et**", din il-Qorti (**PA/PS**) irriaffermat illi f`materja ta` divizjoni ta` beni komuni hemm regoli bazici li ghandhom jigu osservati :-

*i) Il-kondividendi ghandhom dritt jiehdu sehemhom mill-hwejjeg komuni in natura ;*

*ii) Mill-qasma jehtieg li titnissel ripartizzjoni ugwali ;*

*iii) Wiehed ghandu jirrikorri ghal-licitazzjoni bhala rimedju straordinarju u eccezzjonali meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara jew pregudizzju ghall-kondividendi ;*

*iv) Fid-divizjoni ta' assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f'dawk l-assi. Dan skond il-principju illi "judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere".*

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et**", din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk –

*"It-talba sabiex gid immobbli mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-principji ewlenin li jsawru l-istitut tal-ligi li titkellem dwar gid komuni. Fost dawn il-principji hemm dak li kull wiehed mis-sidien ta' haga komuni ghandu l-jedd li jiehu s-sehem tieghu tal-gid in natura, u l-principju l-iehor li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' jzomm haga flimkien ma' haddiehor. Ghalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wiehed mis-sidien jiehu (skond is-sehem tieghu) bizzejjed mill-gid komuni fil-kwalita' li dak il-gid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan igib mieghu l-effett li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola, u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju fil-konfront tar-rimedju ordinarju tal-qasma in natura. Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f`liema cirkostanzi ghandha ssir ;*

*Huwa possibbli li ssir il-qasma in natura wkoll fejn l-ishma ma jkunux daqsinsew. Madankollu, jekk biex jitharsu l-principji fuq imsemmija l-qasma tal-hwejjeg komuni tkun qeghda ssir biss fid-dieher u tkun mghobbija b'soluzzjonijiet imgebbda, bhal, per ezempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-kaz ikun ghaqli li ssir il-licitazzjoni u tkun qeghda tithares il-ligi fil-kelma u l-ispirtu taghha jekk l-eccezzjoni teghleb lill-principju. Daqstant iehor irid jinghad li l-ligi ma tridx li, biex issir il-qasma, min ikun jifred il-fondi fi bcejjec jew johloq fuqhom servitujiet. F'kaz bhal dan, jidher xieraq li ssir il-licitazzjoni ;*

*Huwa mghallem ukoll f'dan il-qasam li ma tistax issir il-licitazzjoni ta' gid immobbiljari wiehed jekk is-sidien ikunu jzommu bejniethom gid komuni iehor. M'huwiex imholli lis-sidien komuni li jwettqu process spezzettat tal-qasma ta' gidhom komuni, bhalma lanqas huwa moghti (ghaliex intempestiva) li ssir talba ghal-licitazzjoni ta' post li jaghmel bicca minn wirt li ghadu ma giex likwidat ;*

*Ghandu jibqa' dejjem meqjus li l-licitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-gid komuni ma jkunx jista' jinqasam minghajr xkiel jew fejn ikun hemm xi gid li l-ebda wahda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tiehu ghandha. Fuq kollox, il-fondi li jistghu jinbieghu b'licitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistghux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra taghhom, u mhux ghaliex imqeghda f'dak l-istat minhabba xi twahhid artificjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi ;*

*Inghad li l-kliem "bla xkiel" fil-ligi jfissru bhala "minghajr ma ssir hsara lill-interessi ta' dawk li qeghdin jaqsmu", filwaqt li "bla hsara" jfissru "minghajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-gid bil-qasma tieghu". L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija wahda ta' fatt. Il-kwestjoni ghalhekk dwar jekk ghandhiex tigi ordnata l-licitazzjoni bhala mezz estrem biex wiehed johrog mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-divizjoni, tirriduci ruhha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fil-limiti hawn fuq imfissra ;*

*Huwa accettat ukoll li t-talba ghall-qasma timplika fiha wkoll talba ghal-licitazzjoni meta johrog li l-gid komuni ma jistax jinqasam minghajr xkiel u hsara. B'mod partikolari, l-Qorti ghandha s-setgha li tordna l-licitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja tkun intalbet il-licitazzjoni, u dan ghaliex il-licitazzjoni m'hijiex ghajr modus divisionis."*

In kwantu ghal dawk **<u>l-assi li mhumiex immobbli</u>**, dawn ghandhom jinqasmu u jigu assenjati bejn il-hames eredi skond ma nghad *supra* taht V(9)(b) billi :-

1. L-attrici tiehu €125,923.44
2. Giuseppa Ellul tiehu €166,637.76
3. Annie Micallef tiehu €166,637.76

4. Emanuel Saliba jiehu €166,637.76 u

5. Miriam Cilia tiehu €166,637.76.

In kwantu jirrigwarda **l-immobbli**, il-Qorti qieset il-possibilita` ta` qasma tal-immobbli fis-sens illi dawn jigu divizi f`hames lottijiet b`valur ta` €266,806.03 ghal kull lott u b`kull wiehed mill-hames eredi jiehu lott bix-xorti ; izda wara li hasbet fit-tul u hadet kont ta` kollox, issib li l-licitazzjoni ma tistax tigi evitata ghaliex l-porzjonijiet indivizi immobbli ma jistghux jinqasmu minghajr xkiel tenut kont tan-natura taghhom ; inoltre l-Qorti hija tal-fehma li eventwali ekwiparazzjoni tkun eccessiva tant li tirrendi d-divizjoni mprattikabbli.

**Ikkunsidrat :**

**VI. Likwidazzjoni ta` l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba**

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li fid-data tal-mewt taghha, il-gid ta` Loreta Saliba kien kostitwit minn dak li kien fadal minn sehma tal-komunjoni tal-akkwisti ma` zewgha Alexander, u l-gid li kisbet bejn id-data tal-mewt ta` zewgha u d-data tal-mewt taghha.

Kif ghamlet meta giet biex tistabilixxi l-assi ereditarji ta` Alexander Saliba, il-Qorti sejra tqis is-senjalazzjonijiet li ghamlu l-partijiet fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom.

**1) <u>Immobbli</u>**

Dak li diga` nghad dwar l-immobbli fil-kaz tal-wirt ta` Alexander Saliba jghodd ghall-wirt ta` Loreta Saliba. Ghalhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal-lista u l-valuri indikati fis-sezzjoni V.1 *supra* ta` din is-sentenza u tghid li dawn ighoddu ghall-wirt ta` Loreta Saliba.

**2) <u>Depoziti u kontanti</u>**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li rrilevat fis-sezzjoni V.2 *supra.* Ghall-istess ragunijiet, fil-wirt ta` Loreta Saliba trid tidhol il-figura ta` **<u>€12,818.54</u>**. Il-Qorti pero` tirrespingi kull pretensjoni tal-attrici dwar il-*bearer accounts.*

**3) <u>Ghamara u deheb</u>**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li rrilevat fis-sezzjoni V.3 *supra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghat-tieni artikolu tat-testment sigriet ta` Loreta Saliba li kien jaqra hekk :-

*Inhalli b`titolu ta` prelegat konsegwibbli in piena proprieta` wara mewti lill-uliedi l-bniet Josephine Ellul, Annie Micallef u Miriam Cilia, f`sehem indaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni favur ir-rispettivi uliedhom f`kaz ta` premorienza l-oggetti kollha tad-deheb, metall iehor prezzjuz u hagar fin u gioielli li jiena nkun nippossjedi fil-gurnata ta` mewti. Niddikjara illi dawna l-effetti mhollija minni bi prelegat jappartienu ghall-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejni u l-mejjet zewgi Alexander Saliba. Minkejja dan nordna illi dawna l-effetti ghandhom jittiehdu minn dawna t-tlett uliedi l-bniet fl-intier u mhux in-nofs tieghi biss.*

Ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima spettanti lil John Saliba, dan il-legat irid jitqies mal-assjem tal-assi ereditarji ta` Loreta Saliba (ara **"Vella vs Bezzina et"** –Appell, tal-20 ta' Novembru 1998).

Pero` minhabba l-*legato di cosa altrui,* ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima, il-Qorti sejra toqghod il-valur ta` **€2,466.80** u cioe` n-nofs fil-valur li kien jispetta lill-wirt ta` Loreta Saliba.

**4) Propjeta` espproprijata**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li rrilevat fis-sezzjoni V.4 *supra.*

Fl-assi ereditarji ta` Loreta Saliba ghandha tidhol is-somma ta` **Lm 170,719.27**. Ghar-ragunijiet rilevati fis-sezzjoni V.4 *supra* din is-somma ghandha tmur kollha kemm hi favur il-konvenuti ghaliex il-legittima tal-attur diga` thallset kif hemm spjegat.

**5) Depoziti esteri**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li rrilevat fis-sezzjoni V.5 *supra.*

Ghar-ragunijiet hemm imfissra, il-Qorti mhi sejra tinkludi xejn fl-assi ereditarji ta` Loreta Saliba.

**6) Il-bejgh tal-Lukanda Salina Bay**

**i) Skond l-attrici**

L-attrici tghid hekk :-

*Illi b'riferenza ghall-kuntratt tal-bejgh tal-lukanda permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar tas-26 ta' Awissu 1988 li ghalih gja saret riferenza, jirrizulta illi sehem Loreta Saliba kien jammonta ghal Lm 189,083.*

**ii) Skond il-konvenuti**

Min-naha taghhom, il-konvenuti meta jittrattaw l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba ma jaghmlux riferenza ghas-sehem ta` Loreta Saliba mill-bejgh tal-lukanda.

**iii) Il-fehma tal-Qorti**

Bis-skiet taghhom, il-Qorti qeghda tifhem li l-konvenuti qeghdin jaccettaw illi sehem Loreta Saliba kien jammonta ghal **Lm 189,083** u ghalhekk dik is-somma taghmel parti mill-wirt taghha. Dan apparti li l-kuntratt tas-26 ta` Awissu 1988 huwa car u inekwivoku.

**7) Loan Account u Current Account fil-kotba tal-lukanda**

**i) Skond l-attrici**

L-attrici tghid hekk :

*Illi billi jirrizulta illi fil-kotba tal-lukanda kien hemm Loan Account ta' Lm 8,333.00 u Current Acount ta' Lm 59,415.00 b'dan li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni sehem Loreta Saliba ammontanti ghal komplessivament ghal LM 33,874.00.*

**ii) Skond il-konvenuti**

Il-konvenuti jghidu hekk :

*Ma ghandha tigi ikkonsidrata ebda pretensjoni tal-attur in konnessjoni ma' xi self jew current account li seta' kien hemm. L-esponenti jaghmlu umili riferenza ghall-kuntratt ta' bejgh tal-iqsma tal-lukanda u senjatament ghall-pagni 9 u 10 gia fuq riportati.*

**iii) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Fil-kuntratt tal-bejgh (ara fol 153 sa fol 165) jinghad hekk :-

*Il-komparenti qeghdin jaqblu u jiddikjaraw li huma ghamlu l-konteggi kollha rigward l-operat tal-Lukanda mad-diretturi taghha u kull dritt li hemm spettanti lilhom mill-istess socjeta`, u jiddikjaraw li huma sodisfatti bl-aktar mod assolut mil-istess konteggi u m`ghandhom l-ebda "claim", dritt jew pretensjoni kontra xulxin ghal kwasiasi raguni dwar xi materja li saret qabel illum u ghalhekk bl-akkwist ta` dawn ix-xhares u l-pagament tal-prezz fuq imsemmi qed isiru "in full and final settlement" bejniethom ghal kwalsiasi pretensjoni li seta` kien hemm bejniethom, kif ukoll bejn kull wiehed u wahda minnhom fil-konfront tal-istess socjeta`, li fil-konfront taghha wkoll jiddikjaraw li m`ghandhom l-ebda pretensjoni.* ***Il-vendituri qeghdin jirrinunzjaw ghal kull self li seta` sar mis-socjeta` minnhom jew mill-awtur taghhom u li ghadu jirrizulta mill-kotba tas-socjeta` fil-konfront taghhom kollha****. Dan is-self li sar in parti "brevi manu" u in parti permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar tal-ewwel (1) ta` Gunju elf disa` mija sitta u sebghin (1976) qieghed jigi trasferit lill-istess kompratur li qed jaccettah u li qed jigi surrogate fid-drittijiet kollha tal-vendituri* ***u l-prezz ta` dan is-self gie inkluz u involut fil-prezz tal-istess shares akkwistati.*** (enfasi tal-qorti)

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Frar 1997 fil-kawza "**<u>John Zammit et vs Michael Zammit Tabona et noe</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Meta l-kliem ta' l-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi" (Vol. XXXVI,P.I.,p.191). Skond kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Sciberras Trigona - vs - Aneico" deciza fis-6 ta' Ottubru, 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto." U f'dan il-kaz kif jiddikjaraw u jaqblu l-kontendenti, il-kliem fuq riportati huma cari u univoki - anke jekk huma jaslu ghall-konkluzjonijiet dijametrikament opposti dwarhom. Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni m'hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-*

*qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd. Jekk ghall-gudikant id-dicitura uzata ma tistghax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss "meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi konsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu ...... Hija norma ta' interpretazzjoni stabbilita mill-ligi, illi meta l-espressjonijiet fil-konvenzjoni skond is-sens lilhom attribwit mill-uzu fl-epoka tal-kuntratt, huma cari, m'hemmx lok ghallebda interpretazzjoni". (Vol. XXXIV, P.I. p.27)*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 1998 fil-kawza "**Carmelo Grech vs Julian Zammit Tabona noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Dan qed jinghad ghaliex fejn il-konvenzjoni tirrizulta cara u mill-volonta tal-kontraenti liberament espressa, tirrizulta inekwivoka, mhux lecitu ghall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirrizulta mid-dicitura tal-ftehim u lanqas minn cirkostanzi ohra. Jigifieri fejn issinjifikat tal-konvenzjoni jkun car u fejn il-fatti li jkunu wasslu ghal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoggux fid-dubju l-volonta tal-kontraenti ma kienx lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti."*

Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi l-kliem tal-ftehim huwa car u ma jaghti l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Il-pretensjoni tal-attrici hija nfondata.

**8) Muniti tad-deheb u tal-fidda**

**i) Skond l-attrici**

L-attrici tghid hekk :-

*Illi kien hemm ukoll kaxxa b'numru ta' muniti tad-deheb u deheb u fidda iehor u dwar liema l-konvenuti baqghu qatt ma taw l-ebda rendikont dwarhom.*

*L-esponent jattribwixxu ammonti rispettivi ta' Lm 1935.00 ghall-muniti u LM 10,000 ghad-deheb u fidda.*

**ii)** **Skond il-konvenuti**

Il-konvenuti jghidu hekk :-

*Skond it-termini tat-testment tal-omm l-affarijiet tad-deheb ghandhom imorru ghand uliedha il-bniet, kif fil-fatt attwalment sar. L-attur, konsapevoli ta' dan il-fatt, meta saret il-qasma bejn il-bniet, ma ghamel ebda pretensjoni ta' xejn f'dan ir-rigward.*

*L-ebda munita ma nstabet, wara li mietet l-omm.*

*Ghar-rigward ta' xi oggetti tad-deheb u fidda li kienu jappartjenu lill-Lukanda ma ingabet ebda prova dwar il-valur taghhom, ma jistax jinghata ebda valur arbitrio boni viri minghajr lanqas biss ma gew, imqar formalment esibiti f'dawn il-proceduri u kwindi ma jistghu qatt jifformaw parti mill-mertu ta' din il-kawza. In realta dawn l-oggetti tad-deheb u fidda kienu jiffurmaw parti mill-mertu ta' arbitragg li kien jesisti bejn il-partijiet u li ghal xi raguni jew ohra qatt ma ipprogredixxa u baqa' sospiz – ara f'dan ir-rigward pagna 5 tal-dokument esibit mill-esponenti li gie esibit fil-03 ta' Marzu 2008. Dawn l-oggetti fil-mertu tal-arbitragg bejn il-partijiet kienu gew ivvalutati ghal madwar Lm3000.*

**iii)** **Il-fehma tal-Qorti**

Il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni attrici fuq insufficjenza ta` provi.

**9)** **Dhul u spejjez**

**i) Skond l-attrici**

L-attrici tirreferi ghar-rendikont tad-dhul u spejjez tat-testatrici li sar mill-konvenuti u tghid hekk :

*Illi fir-rendikont maghmul mill-konvenuti, hemm elenku ta' dhul u spejjez ta' Loreta Saliba. Jispikka l-fatt illi filwaqt li fejn si tratta ta' spejjez l-konvenuti kienu dettaljati hafna, fejn jidhol id-dhul, partikolarment il-kalkolu tal-imghax li rceviet Loreta Saliba, l-konvenuti kienu konservattivi meta jallokaw somma ta' Lm 31, 249.00 u LM 41,790.00 . Dokumentazzjoni in sostenn tal-imghax li rceviet Loreta Saliba jew almenu tad-depoziti bankarji li dwarhom inhadmu dawn l-imghaxijiet ma gewx prodotti.*

*Bizzejjed jinghad illi jekk wiehed iqis il-fatt illi mill-prezz tal-lukanda Loreta Saliba rceviet Lm 189,083.00 u bhala uzufruttwarja kienet tircevi wkoll imghax fuq somma ohra ekwivalenti ta' Lm 189,083.00, hija kellha l-potenzjal li tircevi mill-inqas imghax fuq somma globali ta' LM 378,166.00 matul il-perjodu ta' bejn l-1988 u d-data tal-mewt taghha fl-2001. Jekk wiehed japplika rata ta' imghax konservattiva matul il-perjodu kollu ta' erbgha fil-mija (4%), jirrizulta illi dawn l-imghaxijiet jammontaw ghal LM 15,126 fis-sena u kumulittavment ghas-somma ta' LM 196,646.00. Dan apparti imghax li kellha tircevi Loreta Saliba mill-investimenti barra minn Malta.*

*Illi anke dwar ir-renti, l-esponent ma jaccettawx il-figura ta' Lm 441.00 li hija ndikata f'pagna 7 tar-rendikont. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel riferenza ghad-dokument JS9 anness mal-affidavit ta' John Saliba li minnu jirrizulta illi bejn l-1982 u l-1988 Loreta Saliba kienet qalghet LM 19,012 bhala renta minn diversi proprjetajiet. Il-Qorti ghalhekk mistiedna tipprogetta kalkolu arbitrio boni viri matul is-snin sussegwenti sad-data tal-mewt taghha.*

*Illi b'mod simili, l-imghax fuq id-depozitu bankarju tal-Izvizzera ta' CHF 923,922.00 qatt ma jissemma mill-konvenuti. Fin-nuqqas ta' rendikont xieraq mill-konvenuti, il-Qorti hija mistiedna li arbitrio boni viri talloka somma li tirraprezenta rata ta' imghax li Loreta Saliba zgur li rceviet fuq dan id-depozitu matul il-perjodu bejn l-1984 sal-2001.*

**ii) Skond il-konvenuti**

Il-konvenuti jghidu hekk :-

*Illi huwa sottomess illi r-rendikont ta' Alexander u Loreta Saliba, maghmul mill-esponenti u esibit minn Emanuel Saliba, debitament ikkonfermat minnu bil-gurament, huwa rendikont onest hafna u dettaljat. Kull kumment iehor f'dan ir-rigward ikun offiza ghall-intelligenza tal-Qorti u hela ta' hin tal-istess.*

*Ghandu jinghad illi in konnessjoni mas-somma ta' STG105,000 li kienu fil-kont ta' barra (ta' Lloyds) li l-omm ordnat biex jinghalaq, u li l-imghax tieghu kienet tircievih l-istess Loreta Saliba, mill-1987 sal-1999, kien jammonta ghal GBP 110,000. Attwalment, kif gia irrizulta, l-omm ma hadet xejn minn dan l-imghax ghax qassmithom, flimkien mas-somma kapitali ta' GBP105,000, b'kollox GBP 215,000, bejn il- hamest it-tfal* ***indaqs*** *u ta' dan hemm ricevuta li l-attur irrilaxxja u li kopja taghha tinsab esibita f'dawn il-proceduri.*

*Illi kif qal tajjeb hafna l-esponenti Emanuel Saliba, meta xehed fil-kors ta' dawn il-proceduri, l-omm riedet tghix ukoll u kellha it-tinfieq taghha ukoll u kwindi kollox irid jidhol fil-perspettiva tieghu. Ta' min isemmi li wara il-mewt ta' Alexander Saliba (missier il-kontendenti) l-armla tieghu ghexet ghal dsatax il-sena u konsegwentement kellha thallas ghall-bzonnijiet taghha, biex ma jinghadx ukoll il-karitajiet li kienet taghmel ma' diversi istituti.*

*Illi kif irrizulta mill-gbir tal-provi, l-amministrazzjoni tal-proprijetajiet tal-familja Saliba kien jiehu hsiebha l-attur u dam jamministra sal-1990, skond ix-xhieda tal-istess attur oltre ghall-ittra li l-attur, tramite Dr Mark Fenech kien baghat lill-avukat sottoskritt, li kopja taghha tinsab esibita. L-esponenti ma jafux x'seta' ghamel bil-flus l-istess attur u cioe zammhomx ghalih innifsu, tahomx lil missieru jew tahomx lil ommu. Li hu zgur hu li attwalment ebda wiehed mill-esponenti ma qatt irceva centezmu minn tali amministrazzjoni u sa fejn jafu huma lanqas l-omm ma qatt irceviet xi flus minghand l-attur – almenu hija qatt ma qaltilhom li irceviet xi flus minghandu, tul l-amministrazzjoni tieghu.*

*Is-somma ta Lm19,012 attribwita mill-atturi ma tissemma' imkien lanqas fuq l-ewwel dokument li kien presenta l-attur meta bdiet il-kawza. Din is-somma hija immaginarja f'mohh l-attur u frankament f'kaz bhal dan ma jistghux isiru*

*kongetturi kif qed jippretendi li jista' jsir l-attur. L-unika propjeta li taghha l-omm kienet iddahhal kera kienet dik ta' gewwa il-Gzira li kienet mikrija ghall-Lm30 fis-sena.*

*Ghandu jinghad ukoll illi tul l-amministrazzjoni da parte tal-attur, hu kien isib diffikolta biex jigbor dak li kien jispetta lill-familja u prova ta' dan hemm id-dokumenti minnu stess esibiti. Inoltre wiehed ukoll ma jistax jinsa illi il-kera principali kienet dik tal-proprieta ta' Strada Stretta, meta dina kienet ghadha mikrija, u attwalment kienet ilha vojta ghal certu numru ta' snin u sussegwentement l-istess proprieta giet esproprijata mill-Gvern fil-28 ta' April 1989.*

**iii) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Il-Qorti trid toqghod fuq il-provi.

Dwar l-imghax, jidher illi tal-inqas kien hemm imghax ta` **<u>Lm 73,039</u>** (Lm 31,249 + Lm 41,790). Din il-figura ma jidhirx li hija kontestata mill-konvenuti.

Fl-assenza ta` provi tangibbli, il-partijiet - specjalment l-attrici - ma jistghux jippretendu li l-Qorti tuza l-kriterju tal-*arbitrio boni viri* sabiex tissostitwixxi l-mankanza ta` provi.

Ezercizzji ta` matematika sprovvisti minn provi jew li jitilqu minn prezunzjonijiet ta` seta` sar mit-testatrici *vita durante* jgorru maghhom margini ta` zball li l-Qorti mhijiex lesta li tiehu r-riskju li taghmel.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti qeghda tirrespingi l-argumenti li gabet l-attrici fl-ewwel u fit-tieni paragrafi fuq indikati.

Loreta Saliba ghexet fit-tul wara li gie nieqes zewgha. B`li dahhlet *de proprio* ma kellha ghalfejn taghti rendikont lil hadd. U bi flusha, kienu kemm kienu, setghet ghamlet li riedet. Mela hadd ma ghandu jippretendi li l-Qorti ghandha taghmel ezercizzji ta` kontabilita` sabiex minnhom tasal biex tistabilixxi l-potenzjal tad-dhul taghha meta li kieku riedet setghet nefqet kollox bla ma hadd jiccensuraha.

Ezercizzju ta` kontabilita` ta` din ix-xorta ma jistax inissel certezza morali fil-mohh ta` min qieghed jiddeciedi dwar l-attendibilita` tieghu.

Ghar-rigward tar-renti, il-provi tal-attrici huma karenti u ghalhekk il-Qorti ma tistax taderixxi mal-argument taghha.

Dwar il-flus ta` barra l-Qorti diga` esprimiet ruhha.

**10) <u>Tnaqqis</u>**

**i) <u>Skond l-attrici</u>**

L-attrici tirreferi ghall-kwistjoni tal-ispejjez legali nkorsi ghal proceduri legali fl-Ingilterra u tghid hekk :-

*Illi finalment l-esponenti sejrin jindirizzaw il-pretensjoni tal-konvenuti li ghandu jsir tnaqqis minn kwalunkwe ammont talvolta dovut lill-attur biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez legali dovuti lill-avukati inglizi li kienu involuti fil-kawza ta' Saga Holidays.*

*Jirrizulta mill-provi pero illi l-ispejjez tal-kawza quddiem il-Qorti tal-prima istanza kellhom jkunu a kariku ta' Salina Bay Hotel Limited filwaqt illi l-ispejjez tal-appell kellhom ikunu a kariku ta' John Saliba. Emanuel Saliba xehed matul is-seduta tas-7 ta' Frar 2013 li dawn l-ispejjez hallsithom is-Salina Bay Hotel Ltd. Kwindi u jekk hemm xi dritt sabiex jigu rkuprati xi spejjez, dan ma jispettax lill-konvenuti individwalment. Dan qed jinghad apparti l-konsiderazzjoni illi kien hemm kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Joseph Schembri noe vs John Saliba nomine et", li fiha t-talba tad-ditta ta' avukati ghall-hlas tal-ispejjez u drittijiet li saret kontra Salina Bay Hotel Co. Ltd u John Salina giet deciza kontra l-istess ditta ta' avukati minhabba nuqqas ta' personalita giuridika. ( Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell, Sede Kummercjali tat-23 ta' Novembru 1994. – Citaz Nru 1347/1989).*

**ii) <u>Skond il-konvenuti</u>**

Il-konvenuti jghidu hekk :-

*L-esponenti jissottomettu illi l-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Joseph Schembri noe vs John Saliba nomine et" li ghaliha ghamlu riferenza l-atturi, ma ghandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawza prezenti. Infatti, ghajr bhala xhieda, il-partijiet f'din il-kawza ma kienux inkluzi bhala partijiet f'dik il-kawza.*

*Madanakollu hija korretta l-asserzjoni tal-atturi li l-ispejjez quddiem il-Qorti ingliza, tal-prima stanza, ta' kawza ohra u cioe dik tas-socjeta "Salina Bay Hotel Co Ltd vs Saga" kellhom jkunu a karigu ta' Salina Bay Hotel Co Ltd filwaqt li l-ispejjez tal-appell kellhom ikunu a karigu ta' l-attur.*

*Illi attwalment - ara pagna 11 - tal-statement preparat mill-esponenti u minnhom presentat u mahluf minn Emanuel Saliba, is-Salina Bay Hotel iddepositat STG 53,090 u dawn zdiedu b' STG 46,929 interessi jigifieri li il-bilanc lahaq is-somma ta' STG 100,010. L-attur utilizza din is-somma biex hallas il-kont kollu tas-Solicitors inglizi Lovell White & King tal-kawza kollha mill-bidu sa' l-ahhar, flok ma kif inghad mill-atturi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, huwa, de proprio, hallas dawk relattivi ghall-appell. Skond korrispondenza li baghtu l-istess avukati inglizi 57% ta' din is-somma kienet tappartjeni sa l-ewwel istanza u ir-rimanenti 43% rigward l-appell. Ghalhekk STG43,000 iridu jithallsu lura lill-konvenuti mill-attur u, biex l-esponenti ikunu onesti ghal mija fil-mija mal-attur, billi huwa kien azzjonista ta' hamsin fil-mija (50%) fis-socjeta`, huwa ghandu ikollu d-dritt li jzomm minnhom STG21,495. In-nofs l-iehor jinqasam skond it-testmenti ta' Loreta u Alexander Saliba.*

*Ghar-rigward is-Solicitors l-ohra u cioe dawk tas-socjeta Salina Bay Hotel, Ronald Nathan and Co., kien hemm depositu mis-'Salina Bay Hotel' ta' STG 31,800 u STG 25,000 li kien zammhom l-attur fuq il-kuntratt skond ma jirrizulta mill-istess kuntratt tal-bejgh tal-azzjonijiet, li kopja tieghu tinsab esibita. Dwar is-somma ta' STG 25,000 l-attur kien qal lill-esponenti li kienet tirrapresenta il-bilanc tas-sehem taghhom li kellhom ihallsu huma lil Ronald Nathan & Co. Dan kien ifisser li l-attur kien qieghed jallega li Ronald Nathan & Co kien baqaghlhom jiehdu total ta' STG50,000.*

*L-attur u l-Avukat Dr. J. Fenech kienu insistew mal-esponenti li ma kellhomx jikkorrispondu ma' dawn l-avukati biex ma ifixklux it-trattativi li kienu ghaddejin maghhom rigward dawn il-kontijiet.*

*Illi Dr. Jos. Fenech kien suppost l-avukat tal-Kumpanija Salina Bay Hotel Co Ltd., izda meta l-esponenti irrealizzaw li attwalment kien qed aktar jibza ghall-interessi tal-attur milli ghal dawk tas-socjeta, allura l-esponenti hallewh, wara li kien hemm dibattitu shun bejniethom.*

*Il-komunikazzjoni da parte tal-esponenti maz-zewg ditti ta' avukati inglizi tinsab esibita fl-atti tal-process u jitkellmu wehidhom – ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni ta' xejn. Jidher minnha car bizzejjed illi l-attur laghab bl-esponenti u hadilhom dak li ma kienx minnhom dovut u kwindi huma jistennew*

*li kwalsiasi ammont likwidat favur l-attur f'din il-kawza jigi kompensat mal-ammont li huwa hadilhom meta ma kienx suppost.*

*Skond ma jirrizulta mill-Affidavit ta' Ronald Nathan huwa evidenti li attwalment l-attur gieghlhom jirdoppjaw il-kont biex, meta, skond it-termini tal-kuntratt, l-esponenti hallew GBP 25,000 ghand l-attur biex jithallas il-kont taghhom. Attwalment l-attur spicca biex qatt ma hallas ebda centezmu lill-avukati Ronald Nathan & Co u kien ghalhekk li infethet il-kawza fuq riferita "Dr Joseph A Schembri nomine vs Salina Bay Hotel Co Limited". Isegwi ghalhekk li l-attur zamm a vantagg tieghu is-somma riferuta ta' GBP25,000.*

*Dan l-ammont ghalhekk ghandu jigi rinfuz lura.*

**iii)** **Il-fehma tal-Qorti**

Hija l-fehma meqjusa tal-Qorti li l-ispejjez tal-litigazzjoni estera ghandhom jithallew barra mill-konteggi kemm tal-wirt ta` Alexander Saliba kif ukoll minn dak ta` Loreta Saliba. L-istampa li tohrog mill-vicenda u l-konsegwenzi taghha hija mcajpra wisq biex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni tajba bazata fuq provi certi. Il-Qorti ma tridx tkun kostretta tirrikorri ghal spekulazzjoni. Kuntenta toqghod fuq il-provi u dawn fil-fehma taghha ghandhom jeskludu tnaqqis.

**11)** **Riassunt tal-assi**

Abbazi tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti, l-assi tal-wirt ta` Loreta Saliba huma komposti kif gej :-

| | |
|---|---|
| Immobbli | € 1,334,030.13 + |
| Depoziti u kontanti | € 12,818.54 |
| Deheb | € 2,466.80 |
| Fondi espproprijati | € 397,668.93 |
| Bejgh tas-Salina Bay Hotel | € 440,444.91 |
| Dhul | € 170,135.10 |
| **TOTAL** | **€ 2,357,564.41** |

**12) Legittima**

**i) Il-pretensjoni ta` l-attrici**

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici ghamlet sintesi tal-principji :-

*Is-sehem rizervat jigi kalkolat kontra l-beni tal-mejjet bl-imghaxijiet tat-tmienja fil-mija (8%) u liema mghaxijiet ghandhom jigu mizduda mal-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att giudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda il-perjodu ta' sentejn. [Art. 615 (2)] tal-Kodici Civili. Illi in effetti saru diversi interpellazzjonijiet sabiex l-konvenuti jersqu ghad-divizjoni tal-assi u likwidazzjoni tas-sehem rizervat u ssir riferenza ghall-ittra ufficcjali tat-18 ta' Dicembru 2001 bhal l-ewwel interpellazzjoni li saret wara l-mewt ta' Loreta Saliba.*

*Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollu wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funeral. ( Art. 620 [2] tal-Kodici Civili )*

*Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuitu jkun iddispona favur ta' xi hadd minbarra l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra. ( Art. 620 [3] tal-Kodici Civili).*

**ii) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

L-attrici qeghda titlob illi minbarra l-legittima tithallas ukoll l-imghax skond l-**<u>Art 615 tal-Kap 16</u>** li llum jaqra hekk :-

*(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u minn mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita` fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta` att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perijodu ta` sentejn.*

*Izda l-Qorti tista` fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta` imghax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

**<u>L-Art 1139 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk :

*Bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Kien l-Att XVIII tal-2004 li dahhal l-imghax fuq il-valur tas-sehem rizervat fl-Art 615 tal-Kap 16.

**Fl-Art 116(2) ta` dak l-Att jinghad illi t-tibdil effettwat fir-rigward tal-Art 615 kellu jghodd biss ghas-successjonijiet illi jkunu infethu u sehhew wara d-dhul fis-sehh tal-Att.**

Il-Qorti tghid illi fil-kaz tal-lum l-emendi mhumiex applikabbli ghaliex it-testatrici mietet fl-14 ta` Awissu 2001 u allura qabel l-emendi li dahlu bl-Att XVIII tal-2004. Inoltre l-proviso fl-Art 615(2) kien introdott bl-Att XV tal-2012, li dahal fis-sehh fl-24 ta` Lulju 2012 (ara A.L. 243 tal-2012).

Ladarba Loreta Saliba mietet qabel dahlu fis-sehh l-Att XVIII tal-2004 u l-Att XV tal-2012, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li fil-kaz tal-lum m`ghandhiex kaz ta` *sehem rizervat* izda kaz ta` *legittima* u lanqas m`ghandna kaz ta` *imghax* skond il-proviso tal-Art 615(2). Diversa ghal kollox kienet tkun is-sitwazzjoni li kieku l-mewt ta` Loreta Saliba sehhet wara li kien dahal fis-sehh l-Att XVIII tal-2004 (ara : "**Anthony Haber et vs Marlene Miceli et**" deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta` Ottubru 2014).

Ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici ghall-hlas tal-imghax bil-modalita` ndikata minnha qeghda tkun respinta.

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Dicembru 1973 fil-kawza "**Vella vs Bugeja**" il-Qorti tal-Appell qalet illi *kontrarjament ghal-legislazzjonijiet ohrajn, fejn il-legittima hi deskritta bhala kwota ta' eredità jinghad espressament illi l-legittima hi porzjoni tal-beni tal-mejjet moghtija mil-ligi lid-dixxendenti u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet … Billi fis-sistema tal-ligi*

*taghna l-legittima mihiex kwota ta' eredità, il-legittimarju, kif gie kemm-il darba deciz ... mhuwiex eredi u ma jikkontinwax il-pussess tal-beni tal-mejjet. Il-legittima bhala pars bonorum hi dovuta in natura u bhala porzjoni tal-beni dovuta in natura, mihiex merament oggett ta' kreditu tal-legittimarju kontra l-eredi ... "non consiste in credito" kif jinghad fin-noti tal-Professur Giovanni Caruana. Intant fis-sentenza riportata fil-Vol. XXVII.1.451 intqal ukoll illi "tra la quota di cui s'è disposto col testamento e la quota indisponibile non vi è comunione" u in generali jidher illi fil-gurisprudenza taghna l-figura tal-legittimarju ipprofilat ruhha bhala figura a se : la hu semplici kreditur u lanqas hu veru komproprjetarju.*

Mhuwiex kontestat illi fil-kaz tal-lum, l-attrici bhala *aventi causa* ta` zewgha ghandha l-jedd tippercepixxi legittima ta` wiehed minn ghaxra (1/10) mill-wirt ta` Loreta Saliba.

In segwitu ghall-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 il-principju illi l-legittima kienet tkun dovuta in-natura, *in piena propieta senza alcun peso od altra condizione* ma ghadux iktar applikabbli ghaliex illum l-Art 615(2) tal-Kap 16 jiddisponi li l-jedd ghas-*sehem riservat* : "*huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet*".

Ghalkemm il-ligi vigenti ghall-kaz tal-lum hija dik precedenti ghall-Att XVIII tal-2004, din il-Qorti hija tal-fehma li l-principju illi l-legittima tkun dovuta in-natura fih innifsu ma kien jaghti l-ebda dritt lil-legittimarju li jippretendi li l-legittima spettanti lilu tkun sodisfatta b`determinata speci ta` beni u b`hekk li jostakola jew jikkontesta d-divizjoni parzjali ta` l-assi ereditarji li ssehh bil-kunsens tal-kondividendi kollha.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li l-quantum tal-legittima li sejra takkorda lill-attrici m`ghandhiex tigi percepita *in natura* izda fi flus.

Ghar-rigward tal-assi ereditarji li fuqhom trid tinhadem il-legittima, il-Qorti tippreciza li qeghda tinkludi l-legat tad-deheb ghaliex dak il-legat ma kienx rimuneratorju [ara :- "**Tommaso Cortis et vs Giovanni Dottrin et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 17 ta` Novembru 1880 ; "**Vincenzo Attard vs Michelina Agius et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 31 ta` Ottubru 1952 ; u "**Dorothy Buttigieg et vs Agnese Farrugia et**" – Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – 16 ta` Mejju 2014]

**iii) Likwidazzjoni**

Ghalkemm il-Qorti stabbiliet illi l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba jammontaw ghal valur ta` €2,357,564.41, il-legittima li kienet dovuta lil John Saliba u li llum tispetta lill-attrici ghandha tinhadem fuq l-ammont komplessiv ta` €1,959,895.48, u cioe` billi jitnaqqas ir-rikavat tal-fondi esproprijati ghar-ragunijiet li tat il-Qorti fis-Sezzjoni V. 4 *supra.* Ghalhekk l-attrici ghandha tippercepixxi l-ammont ta` **€195,989.55**.

**iv) Hlas**

Il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici l-legittima fl-ammont ta` €195,989.55 bl-imghax legali b`effett mil-lum stante li l-quantum tal-legittima qieghed jigi likwidat llum billi sal-lum kien ammont *da liquidarsi.*

**13) Qasma**

Il-hlas tal-legittima spettanti lill-attrici ghandu jsir mill-kumulu tad-depoziti u kontanti, mir-rikavat tal-fondi esproprijati, mir-rikavat tal-bejgh tas-Salina Bay Hotel u mid-dhul li lkoll jiffurmaw l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba. Il-bqija tal-flus ghandhom jinqasmu ndaqs bejn l-erba` eredi ta` Loreta Saliba.

Ghar-rigward tal-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji ta` Loreta Saliba ghandhom jinqasmu ndaqs bejn l-erba` konvenuti eredi taghha. U billi dak li l-Qorti qalet fir-rigward tal-wirt ta` Alexander Saliba *supra* jghodd ghall-wirt ta` Loreta Saliba, l-immobbli kollha li jaghmlu parti mill-assi ereditarji ta` Loreta Saliba ghandhom jinbieghu b`licitazzjoni li bhal fil-kaz tal-wirt ta` Alexander Saliba ghandha tkun miftuha ghal oblaturi estranei.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi qeghda tiddisponi mit-talbiet tal-atturi u mill-eccezzjoni tal-konvenuti kif gej :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, qeghda tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-mejtin Alexander u Loreta konjugi Saliba, billi tiddikjara li l-beni tal-mejjet Alexander Saliba huma dawk li l-Qorti ndikat fis-Sezzjoni V. 1, 2, 3, 4, 6, u 7 ta` din is-sentenza, filwaqt li tiddikjara li l-beni tal-mejta Loreta Saliba huma dawk li l-Qorti ndikat fis-Sezzjoni VI. 1, 2, 3, 4, 6, u 9 ta` din is-sentenza.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, qeghda tillikwida l-legittima li kienet tispetta lill-mejjet John Saliba mill-wirt ta` Loreta Saliba, u li llum hija dovuta lill-attrici, in parti fl-ammont li llikwidat favur John Saliba fis-Sezzjoni V. 4 ta` din is-sentenza, u l-bqija fl-ammont ta` mija u hamsa u disghin elf disa` mija disgha u tmenin Ewro hamsa u hamsin centezmu (€195,989.55) liema legittima ghandha tithallas fi flus mhux *in natura*.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici l-legittima li kienet tispetta lil John Saliba mill-wirt ta` Loreta Saliba fl-ammonti ndikati fil-paragrafu precedenti, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, taqsam u tassenja l-assi ereditarji ta` Alexander Saliba skond il-modalita` li stabbiliet il-Qorti fis-Sezzjoni V. 9 ta` din is-sentenza.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba, partikolarment dwar l-immobbli jew parti ndiviza minnhom, li jaghmlu parti mill-wirt ta` Alexander Saliba, qeghda tiddikjara illi dawn l-immobbli, jew parti ndiviza minnhom, mhumiex komodament divizibbli, u ghalhekk qeghda tordna l-bejgh b`licitazzjoni taghhom, ghal liema bejgh ghandhom jigu ammessi oblaturi estranei. Ghall-fini ta` valutazzjoni, il-prezz tal-bejgh b`licitazzjoni ghandu jibda mill-istima li tirrizulta fis-Sezzjoni V. 1 ta` din is-sentenza. Qeghda tordna li r-rikavat tal-bejgh tal-immobbli jinqasam indaqs bejn il-hames eredi ta` Alexander Saliba skond kif indikat il-Qorti fis-Sezzjoni V. 9 (b) ta` din is-sentenza, sabiex b`hekk kull wiehed u wahda mill-hames eredi jiehu wiehed minn hamsa (1/5) ta` dak ir-rikavat.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba, taqsam u tassenja l-assi ereditarji ta` Loreta Saliba skond il-modalita` li stabbiliet fis-Sezzjoni VI. 11 ta` din is-sentenza.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba, partikolarment dwar l-immobbli jew parti ndiviza minnhom li jaghmlu parti mill-wirt ta` Loreta Saliba, tiddikjara illi dawn l-immobbli, jew parti ndiviza minnhom, mhumiex komodament divizibbli, u ghalhekk qeghda tordna l-bejgh b`licitazzjoni, ghal liema bejgh ghandhom jigu ammessi oblaturi estranei. Ghall-fini ta` valutazzjoni, il-prezz tal-bejgh b`licitazzjoni ghandu jibda mill-istima li tirrizulta fis-Sezzjoni V. 1 u fis-Sezzjoni VI. 13 ta` din is-sentenza. Tordna li r-rikavat tal-bejgh tal-immobbli jinqasam indaqs bejn l-erba` eredi ta` Loreta Saliba sabiex b`hekk kull wiehed u wahda minnhom jiehu wiehed minn erbgha (1/4) ta` dak ir-rikavat.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-att ta` divizjoni u assenjazzjoni kemm tal-wirt ta` Alexander Saliba kif ukoll tal-wirt ta` Loreta Saliba. Tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.**

**Tordna lill-attrici u lil kull wiehed jew wahda mill-erba` konvenuti sabiex ihallsu ndividwalment wiehed minn hamsa (1/5) ta` l-ispejjez ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez ta` atti jew proceduri ohra relatati mal-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------